**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 120/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-7 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B" iżda kienu ilhom sentejn qabel separati de facto.

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom madwar ħames (5) snin separati de facto u dana għalkemm kienu jgħixu taħt l-istess saqaf.

4. Illi ma hemm l-ebda aspett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin, u dan kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni maħlufa hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument C".

5. Illi ma hemm l-ebda manteniment b'arretrati għall-ulied u/jew għal partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u disgħin (1998).

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni notarili tar-rikorrenti

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2019;

Rat li l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduta tal-lum ;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha meħtiega mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-18 ta' Mejju, 2018 izda ilhom *de facto* separati għal madwar ħames (5) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; il-qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;